MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 786/2012

**GasanMamo Insurance Limited
flimkien mal-agenta taghha
Thomas Smith Insurance Agency Limited**

**vs**

**Borg Vincent**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundannah ihallas l-ammont totali ta' elf, hames mija u disgha u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€1,539.86c) oltre l-interessi relattivi b'effett mit-30 ta' Jannar, 2011 dovuti bhala rifuzjoni ta' hlas ta' danni li s-socjetajiet attrici kienu kostretti jwettqu fit-termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta lit-terzi partijiet danneggjati wara incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' April, 2009 bejn il-vettura 'ABJ-061' misjuqa mill-konvenut u

l-vettura 'VIC-178' li kienet ipparkjata. Ghalkemm il-vettura 'ABJ-061' kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici, il-kopertura ma kienitx applikabbli stante li l-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb waqt l-incident; u ghaldaqstant huwa obbligat li jirrifondi lill-attrici l-ammont tad-danni kollha koperti minnha u l-ispejjez gudizzjarji relattivi.

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 2012, ittra numru 2620/12 u dik interpellatorja tal-15 ta' Settembru, 2012.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija disgha u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€1,539.86c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------